MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Numru. 122/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Alexander Grech)**

**versus**

**David Borg**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra David Borg ta’ 19-il sena, bin Martin u Maria nee’ Mifsud, imwieled il-Pieta’ fit-2 ta’ Settembru, 1986, residenti 161, Triq l-10 ta’ Frar, Buġibba, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 396286 (M)

2. Akkużat talli

(a) F’dawn il-gżejjer it-30 ta’ Jannar, 2006 għall-ħabta tad-9.00 p.m. u fix-xhur ta’ qabel, waqt li kien fi Triq it-Tlitt Ibliet, Bormla, mingħajr awtorita’ legali jew mingħajr skuża

leġittima jew raġonevoli, xtara jew irċieva minn għand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew fil-pussess tiegħu żewġ biljetti tal-flus falsifikati tal-kambju ta’ Lm2 (żewġ liri Maltin) li kien jaf li kienu falsifikati u dan bi ksur ta’ l-artikolu 46 tal-Kap. 204 al-Liġijiet ta’ Malta;

(b) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorita’ legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli għamel użu jew xjentement kellu fil-kustodja tiegħu jew pussess tiegħu xi karti maħsuba biex jixbħu u biex jgħaddu bħala karta speċjali (Lm2) bħala dik provduta u użata għal għemil ta’ xi biljetti tal-flus jew karta speċjali tali u dan bi ksur ta’ l-artikolu 47 tal-Kap. 204 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(c) U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq l-istess vettura b’ġiri aktar milli jmissu bi ksur ta’ l-MVR 127;

3. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex fil-każ ta’ ħtija tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi u tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oġġetti kollha esebiti;

4. Fl-aħħarnett il-Qorti ntalbet tapplika l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 f’każ li jkunu maħtura esperti.

5. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertfikat tat-twelid ta’ l-imputat, il-fedina penali ta’ l-imputat, il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, ir-risposta ta’ l-imputat li m’għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-ammissjoni ta’ l-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu liema ammissjoni huwa kkonferma wara żmien mogħti lilu, l-istqarrija ta’ l-imputat a fol. 7 u r-rapport ta’ l-okkorrenza a fol. 9.

6. Gialadarba l-imputat ammetta ż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih, iż-żewġ imputazzjonijiet huma ppruvati għall-finijiet tal-liġi.

7. Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-abbli Prosekutur u mill-abbli Difensur.

8. Għaldaqstant, wara li rat l-artikolu 17(h) u 28 A tal-Kap. 9 l-artikoli 46 u 47 tal-Kap. 204, ir-regolament 127 tal-Motor Vehicle Regulations (S.L. 65. II) u l-artikolu 55 (1) proviso tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u qed tikkundannah għal tlettax-il xahar priġunerija sospiżi għal sentejn kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' tletin lira Maltija (Lm30).

9. Il-Qorti spjegat lill-imputat l-artikolu 28 A tal-Kap. 9 f'termini sempliċi.

10. Il-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-esebiti taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------